**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 5**

9 t'Ottubru 2024

Il-ħames (05) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 9 t'Ottubru 2024 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjura Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Emmanie Borg Bonaci Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

5.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

5.1.1. Is-Sindku NH ressaq ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera JP li talbet li tkun skużata minħabba li kienet imsiefra.

5.1.2. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

5.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

5.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tar-raba' (4) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

5.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, SSH, NH, JH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

5.2.3. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 4.2.5 u qalet li għalkemm m'hijiex kontra dan ix-xogħol, hija kienet korretta meta qalet li l-Kunsill kien qabel li jitkellem mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali qabel ma jsir ix-xogħol.

5.2.3.1. Is-Sindku NH qal li meta kien sema' li kien beda' x-xogħol mil-ewwel kien talab li ssir laqgħa magħhom għax iħoss li m'għandu jsir xejn mingħajr ma jkun informat il-Kunsill.

5.2.3.2. Is-Sindku NH staqsa jekk kienx hemm tweġiba għall-korrispondenza li kienet intbagħtitilhom. Il-Kunsilliera SSH qalet li meta staqsiet lis-SE, kien informaha li kienet intbagħtet korrispondenza iżda li sa dakinhar kien għad m'hemmx tweġiba.

5.2.3.3. Is-Sindku qal li nelfrattemp il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jordna bankijiet li jkunu pariġġ dawk li diġà hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

5.2.3.4. Is-Sindku qal li l-persuni in kwistjoni kienu offrew li jgħinnu fid-dawl. Il-Kunsilliera SSH qalet li tippreferi li jitqabbad kuntrattur kemm minħabba sigurtà u anke biex ix-xogħol isir b'mod sodisfaċenti.

5.2.3.5. Is-Sindku għamel riferenza għall-oġġezzjoni mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Lokali li semmew il-kunsillieri fl-aħħar laqgħa u staqsa fuq liema bażi kienet intbagħtet din l-oġġezzjoni. Il-Viċi Sindku JAE qal li din il-

korrispondenza kienet tmur lura snin twal u li hu ma kienx baqa' involut fil-materja iżda kien għadda kopja tal-korrispondenza lill-amministrazzjoni.

5.2.3.6. Is-Sindku qal li għandu jieħu ħsieb jara x'kienet tgħid din il-korrispondenza u li jekk ma jkunx hemm xkiel, allura l-Kunsill għandu jaħdem id-dawl bil-kuntrattur li kien ħadem il-bandli.

5.2.3.7. Il-Kunsilliera SSH reġgħet tenniet li hi m'għandha xejn kontra dan il-grupp in partikolari iżda temmen li l-Kunsill għandu dejjem jimxi kif suppost.

5.2.4. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-materja numru 4.8.8 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-laqgħa dwar l-MOU. Is-Sindku qal li għandha tintalab laqgħa.

5.2.5. Il-Kunsilliera JAE għamlet riferenza għall-materja numru 4.9.3 rigward id dawl tal-bring in sites. Is-Sindku nforma li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb japplika għal dan id-dawl.

5.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 4.4.6 rigward il-parker ta' Triq Vincenzo Dimech. Is-Sindku qal li kien tkellem ma' Transport Malta kif ukoll mal-unit tal-monitoraġġ biss sa dakinhar kienet għadha ma ttieħditx azzjoni.

5.2.6.1. Is-Sindku qal li sal-ġurnata ta' qabel kien irċieva evidenzi ġodda fuq il-persuna in kwistjoni.

5.2.6.2. Is-Sindku kompla billi qal li se jibqa' jinsisti li tittieħed azzjoni. Is-Sindku qal li kien anke kellem lill-Pulizija u informahom li huma kienu responsabbli f'każ li jinqala xi inċident ladarba jafu kemm hemm tensjoni bejnu u bejn ir-residenti tal-akwata.

5.2.6.3. Il-Viċi Sindku JAE talab li din il-materja tibqa' tiġi segwita.

5.2.6.4. Is-Sindku qal li beħsiebu jressaq din il-materja fil-laqgħa li għandu mar-rappreżentanti tal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi.

5.2.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja numru 4.13.3 u qalet li, bħalma kienet informat f'laqgħat preċedenti, l-appartament li ġie wżat mil-Awtorità tad-Djar kien intuża biss għall-ftit xhur u l-post kien diġà ġie mogħti lura. Hija qalet li dan jikkonferma li kellha raġun meta informat li ma kienx ser jinżamm għal żmien twil.

5.2.7.1. Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa ma' rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar li matulha informah li qegħdin fil-proċess li jitilqu mil-lokalità biex ikollhom kumpless wieħed.

5.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

5.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand resident rigward il-ħasil tat-toroq li ressaq talba biex jibdew jinħaslu t-toroq residenzjali kollha u mhux dawk li jkollhom iktar ħmieġ tal-ħamiem minn oħrajn biss.

5.3.1.1. Is-Sindku ippropona li għandha tinħasel kull triq irrispettivament ta' kemm tkun maħmuġa.

5.3.1.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li apparti dan, huwa inutli li l-kuntrattur jitfa' l-ilma biss mingħajr ma jieħu ħsieb li jogħrok l-art ukoll.

5.3.1.3. Il-Kunsilliera SSH qalet ukoll li tinsab informata li l-kuntrattur mhuwiex jidħol fi Trejqet San Tumas. Hija qalet li trid tingħata attenzjoni lil toroq fejn hemm djar bit-turġien l' isfel sabiex dawn id-djar ma jimtlewx bl-ilma.

5.3.1.4. Il-Kunsill qabel li jibdew jinħaslu t-toroq kollha u qabel li għandha ssir skeda għal dan.

5.3.2. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta fejn ressqu talba mingħand individwu għal parkeġġ riservat għall-persuna li toqgħod fi Triq l-Argotti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

5.3.3. Is-Sindku NH ressaq talba biex il-ħinijiet tal-każini jiġu estiżi.

5.3.3.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi kienet informata li l-ħinijiet kienu jiddependu fuq liema sena jkunu applikaw il-każini.

5.3.3.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi ma ssibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-mużika wara l-ħdax tkun minima u ma tkunx t'inkonvenjent għall-ħaddieħor.

5.3.3.3. Is-Sindku qal li hu kien ikkonferma mal-Pulizija li informawh li kienet l-Awtorità tat-Turiżmu li kienet responsabbli għall-ħruġ tal-permess u li l-Pulizija kienu biss responsabbli għall-infurzar.

5.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ressqu ilment mingħand resident dwar it-tneħħija ta' linji sofor minn quddiem il-garaxxijiet tiegħu.

5.3.4.1. Is-Sindku qal li fil-laqgħat preċedenti kien ressaq il-proposta li jitneħħew linji sofor minn quddiem garaxxijiet li ma kienux irreġistrati mal-Kunsill.

5.3.4.2. Is-Sindku qal li snin ilu, il-Kunsill kien għamel kundizzjonijiet li min irid jagħmel linji sofor quddiem il-garaxx, kellu jirreġistra mal-Kunsill u jingħata sticker mill-istess Kunsill.

5.3.4.3. Is-Sindku qal li wara s-sur hemm garaxx ta' binja ġdida li s-sidien tiegħu wkoll staqsew dwar dan. Is-Sindku qal li kien informa lill-amministrazzjoni sabiex tinformahom biex jiġu jirreġistraw il-garaxx mal-Kunsill.

5.3.4.4. Is-Sindku qal li dan kollu kien qed isir biex inaqqas l-abbuż għax hemm diversi garaxxijiet li qed iservu ta' mħażen u workshops minflok ta' garaxxijiet.

5.3.4.5. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal residenti li ġew jgħixu fil-lokalità f'dawn l-aħħar snin u li għalhekk possibbilment ma jkunux jafu b'din is-sistema. Hija staqsiet ukoll jekk din is-sistema hijiex waħda uffiċjali.

5.3.4.6. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill fiż-żmien kellu byelaw abbozzata lesta biex tiġi ippubblikata biex din is-sistema ssir liġi lokali.

5.3.4.7. Il-Kunsilliera SSH qalet li madankollu sa dakinhar kienet għadha ma ġietx ippubblikata.

5.3.4.8. Is-Sindku qal li r-reġistrazzjoni kienet b'xejn u għalhekk ma kien hemm xejn li jimpedixxi lis-sid li javviċina lill-Kunsill biex jirreġistra l-garaxx.

5.3.4.9. Il-Viċi Sindku JAE qal li garaxx irid jintuża għad-dħul u l-ħruġ tal-karozzi biex ikollu dritt għal-linji sofor.

5.3.4.10. Is-Sindku qal li l-linji li tneħħew minn quddiem il-garaxxijiet riċentement huma ta' sidien li m'għandhomx il-permess, u li ilhom hemm ammont ta' snin u li għalhekk ċert li huma informati b'din is-sistema.

5.3.4.11. Il-Kunsilliera SSH argumentat li l-Kunsill ma kellu l-ebda jedd ineħħi l-linji sofor qabel jivverifika jekk hemmx karozzi ġewwa. Hija qalet li l-Kunsill kellu tal-anqas jinforma li se jitneħħew il-linji s-sofor.

5.3.4.12. Is-Sindku qal li mhux ġust li wieħed iċaħħad lir-residenti minn parkeġġ għal xejn b'xejn.

5.3.4.13. Is-Sindku kompla billi ppropona li l-Kunsill iwieġeb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-Kunsill dejjem talab li residenti li jkollhom garaxx jiġu japplikaw il-Kunsill u jkollhom sticker li tinħareġ mil-Kunsill biex jingħataw il-linji sofor. Għaldaqstant dan is-sinjur jista' jagħmel l-istess. Il-Kunsilliera SSH astjeniet mill-vot.

5.3.4.14. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li dan l-avviż jitpoġġa fuq il-paġni soċjali tal-Kunsill sabiex ikun aċċessibbli għall-pubbliku.

5.3.4.15. Is-Sindku qal li l-istaff amministrattiv għandu struzzjoni li jaġġorna l-formola u jinforma lil kull min hu reġistrat b'dan.

5.3.4.16. Il-Kunsilliera SSH qalet li hawn diversi garaxxijiet li la għandhom sticker u lanqas jintużaw bħala garaxx, u li xorta ma tneħħewlhomx il-linji sofor. Is-

Sindku NH qal li hu ma kienx ta struzzjoni li jitneħħew il-linji sofor ta' min għandu sticker iżda ta' dawk li m'għandhomx. Huwa qal li min għandu l-isticker eventwalment irid jerġa' japplika u jerġa' jiġi assessjat.

5.3.4.17. Id-diskussjoni kompliet fejn il-Kunsilliera SSH kompliet tisħaq li l-Kunsill missu l-ewwel informa lis-sidien qabel ma neħħa l-linji filwaqt li s-Sindku kompla jargumenta li ma kienx sew li min ilu jgħix snin fil-lokalità u jaf sew is-sistema kif taħdem, jibqa' ma japplikax għall-permess.

5.3.4.18. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li fil-lista tad-dekasteri li ser titqassam bieb bieb ikunu inklużi żewġ linji dwar is-sistema tar-reġistrazzjoni ta' garaxxijiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

5.3.5. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Guggen Band. Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza tiġi diskussa f'materja nru 5.4.

5.3.6. Is-Sindku NH ressaq proposta mingħand il-Kunsilliera JP biex isir dawl u bins. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jitlob lill-Cleansing Department sabiex jara jekk jistgħux jipprovdu u jieħdu ħsieb dawn il-bins.

5.3.7. Is-Sindku ressaq invit għall-konferenza "Safeguarding the human rights of older persons: Innovations in healthy and active ageing". Il-Kunsilliera SSH qalet li għandha tikkonferma jekk tkunx tista' tattendi.

5.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza dwar is-sitwazzjoni ta' vetturi goffi li jgħaddu minn Triq Vilhena. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li titwaħħal tabella ta' no heavy vehicles fi Triq Vilhena.

5.3.9. Is-Sindku NH ressaq korrispondenza rigward is-Sustainable Mobility Award Ceremony. Is-Sindku informa li għandu jattendi hu.

5.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta fejn ressqu talba għall-parkeġġ riservat għal resident fid-Dar tal-Anzjani fil-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

5.3.11. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-iskola primarja fejn talbu li l-għalliema jkollhom permess taħt l-iskema ta' parkeġġ residenzjali waqt il-ħin tal-iskola. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx ma' dan.

5.3.11.1. Il-Kunsillier JH ippropona li l-Kunsill ikellem lill-Klabb tal-Floriana biex jikkunsidraw li jagħtu rata skontata f'każijiet simili. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-Kunsillier JH jitkellem magħhom dwar dan. Minkejja dan, is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jinsisti li l-iskola tipprovdi parkeġġ lill-ħaddiema tagħha hi.

5.3.11.2. Il-Kunsillier JH għamel riferenza għal talba għall-għajnuna fil-parkeġġ minn persuna, liema talba tressqet fil-laqgħa preċedenti, u qal li kien irnexxielu jsib rimedju fejn il-persuna issa qed tħallas prezz skontat għall-parkeġġ.

5.3.12. Is-Sindku NH ressaq talba mingħand il-Young Stars Hockey Club li offrew lill-Kunsill jorganizza attività konġuntament magħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €450.

5.3.13. Il-Kunsillier JH ippropona li l-Kunsill jikkunsidra biex perjodikament jorganizza attività ta' fundraising għall-għaqdiet lokali. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju.

5.3.14. Is-Sindku NH informa lill-Kunsill b'applikazzjoni li tressqet quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' uffiċini fi Triq il-Vittmi Furjaniżi tal-Gwerra. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu waqt is-seduta.

**Nota:** **18:25 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**
**18:28 Is-Sindku NH reġa' rritorna għal-laqgħa.**
**18:28 Il-Kunsill issospenda l-laqgħa sabiex jieħu l-intervent tal-Accountant tal-Kunsill.**

**18:36 Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**
**Il-Kunsill qabel li jiddiskuti l-materja nru 5.7.**

## 5.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAT-TIENI KWART

5.7.1. Is-Sindku ressaq ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

5.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u ssekondata mill-Kunsillier JH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju tat-tieni kwart, bir-riżultat kien:

Favur: 4 (JAE, JH, NH, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota:** **18:38 Il-Kunsill issospenda l-laqgħa.**
**18:48 Il-laqgħa tkompliet.**

## 5.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL KUNSILLIERA

5.4.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-kunsilliera għandhom id-dritt li jkollhom iċ-ċwievet tad-Dar tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku JAE qal li hu diġà kellu sett, il-Kunsilliera SSH qalet li ma kienitx interessata u l-Kunsillier JH talab li jkollu sett.

5.4.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa dwar il-kamera tas-sigurtà li kien hemm tħares lejn Bieb il-Bombi. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkompli jsus fuqha.

5.4.3. Il-Viċi Sindku JAE talab li tintbagħat tfakkira għas-sinjali ta' direzzjoni fin-niżla lejn Taħt il-Forka. Il-Kunsill qabel li jibgħat tfakkira.

5.4.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet informata minn membri ta' kunsilli lokali oħrajn li l-Bank of Valletta kien qed joffri sessjonijiet one to one biex jgħallmu lill-anzjani jużaw il-cashlink. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier JH għandu jitkellem ma' rappreżentant tal-bank sabiex ir-residenti Furjaniżi jibbenefikaw ukoll minn dan is-servizz.

5.4.5. Il-Kunsilliera SSH informat li hemm toqba fonda fit-tappiera li hemm fi Triq l-Argotti. Is-Sindku qal li skont il-ħaddiema tal-Kunsill din ma kinitx xogħol ta' idejhom. Għalhekk il-Kunsill qabel li jitlob tliet kwotazzjonijiet sabiex ix-xogħol isir.

5.4.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-ħajt ta' ħdejn l-AGFA u qalet li hemm bżonn li dan jitranġa. Il-Kunsill qabel li ladarba dan il-ħajt huwa proprjetà tal-Kunsill, għandu jieħu ħsieb jinkludi dan ix-xogħol fil-framework agreement. Il-Kunsill qabel ukoll biex nel frattemp jitkaħħal u titneħħa l-kappara li hemm.

5.4.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal xogħol li sar fuq il-bankini fi Triq San Publju. Is-Sindku qal li jidher li ħadd ma kien mgħarraf b'dan ix-xogħol.

5.4.8. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm tappiera miksura fi Triq Sarria, ħdejn l-Arċipriet, li għandha bżonn tinbidel. Il-Kunsill qabel.

5.4.9. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-antarjoli tal-festa u proponiet li dawn jibdew jitħallew armati. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tkun fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

5.4.10. Il-Kunsillier JH staqsa kif jistgħu jiġu amalgamati l-parata tal-Milied u l-purċissjoni mal-attività tal-Milied. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja jekk hemmx fondi allokati mir-Reġjun għall-attivitajiet tal-Milied.

5.4.11. Il-Kunsillier JH ippropona li fil-poster tal-attività tal-Milied ikun hemm l-arma tal-Kunsill. Ittieħed vot favur din il-proposta bir-riżultat kien:

Favur: 2 (JAE, SSH)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 1 (JH)

5.4.12. Il-Kunsillier JH qal li jinsab informat li hemm xi fondi allokati għall-kunsilli lokali biex jintużaw fuq is-servizzi t'uffiċjali tal-Pulizija għall-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika mar-Reġjun sabiex jara jekk l-organizzaturi ta' din l-attività jistgħux jagħmlu użu minn dawn il-fondi.

5.4.13. Il-Kunsillier JH ippropona li tintbagħat korrispondenza lis-sidien tal-blokka li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V dwar l-attività li ser issir. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jikteb u jinformahom li ser jiġi organizzat Christmas Village minn kumpanija u li l-Kunsill jixtieq ikun jaf jekk għandhomx xi kummenti li jistgħu jaffetwaw b'xi mod.

5.4.14. Il-Kunsillier JH informa li l-organizzaturi ingħaqdu mal-iScouts u għamlu karru biex issir Christmas Parade flimkien mal-iScouts. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra uffiċjali u jinforma lill-Pulizija.

## 5.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

5.5.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien hemm entużjażmu għas-sottokumitati. Huwa qal li l-kunsilliera għandhom dejjem ifakkru lir-residenti li s-sejħa għas-sottokumitati tibqa' miftuħa u għalhekk min ikollu interess għandu javviċina lill-Kunsill.

## 5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

5.6.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 04/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

5.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 5.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart

5.7.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement wara materja nru 5.3.

## 5.8 Id-dawl dekorattiv ta' Triq Sant' Anna

5.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għad-dawl dekorattiv fi Triq Sant'Anna. Huwa ippropona li l-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

5.8.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li d-dawl isir tradizzjonali, bil-lampa.

5.8.3. Il-Kunsilliera SSH talbet li jiġi ċċarat li hi ma taqbilx li jissewwa iżda li għandu jsir mill-ġdid.

5.8.4. Il-Kunsill qabel ukoll li jara jekk il-Gvern jistax jgħin bid-dawl u qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministeru konċernat dwar dan.

## 5.9 CULVERT FI TRIQ SARRIA

5.9.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi għamel riferenza għal talba li jsir culvert fi Triq Sarria minn ħdejn id-Dar tal-Arċipriet lejn iz-zuntier.

5.9.2. Is-Sindku ippropona li jintalbu kwotazzjonijiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 5.10 BOLLARDS TAT-TOROQ

5.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li riċentement kienu nżebgħu il-bollards fi Triq il-Miratur suwed b'faxx isfar. Huwa qal li huwa importanti li tibqa' tinżamm din l-iskala meta jinżebgħu il-bollards sabiex kemm jista' jkun tinżamm uniformità.

5.10.2. Is-Sindku qal li eventwalment iridu jinqalgħu il-bollards kollha li qegħdin fiċ-ċangatura tal-qawwi speċjalment dawk li huma forma ta' qafas.

## 5.11 EVALWATURI TAT-TENDERS

5.11.1. Is-Sindku NH fetaħ id-diskussjoni billi qal li hemm bżonn li l-Kunsill jagħżel min se jkunu l-evalwaturi l-ġodda fuq il-Bord tal-Evalwazzjoni tal-offerti.

5.11.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li l-evalwaturi jkunu s-Sindku NH, il-Viċi Sindku JAE, u l-Kunsilliera SSH.

## 5.12 SKEMA VJAL KULĦADD

5.12.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi informa lill-Kunsill bl-iskema Vjal Kulħadd. Is-Sindku spjega li hemm bżonn li l-Kunsill jipproponi żoni li jistgħu jiġu proposti taħt din l-iskema.

5.12.2. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jara liema żoni jista' jipproponi fi żmien ġimgħa mid-data tal-laqgħa.

## 5.13 FAĊILITAJIET SANITARJI FIĊ-ĊENTRU RIKREATTIV IR-RE ĠORĠ V

5.13.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li għandu jsir titjib tal-faċilitajiet sanitarji fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

5.13.2. Is-Sindku għamel riferenza għat-toilet tal-persuni b'diżabilità u ippropona li dan jerġa' jsir tal-irġiel. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika jekk dan jistax isir u jekk hemmx xi restrizzjonijiet ta' spazju.

## 5.14 CCTV FIT-TOROQ TAL-FLORIANA

5.14.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien attenda laqgħa ma' kumpanija li qed toffri sistema innovattiva ta' kameras ibbażata fuq intelliġenza artifiċjali.

5.14.2. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill kien ġie offrut prova ta' xahar senza interessi. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel prova fi Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini.

5.14.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li mill-informazzjoni li għandha, jidher li l-wiċċ tal-persuna ma jiġix jidher ċar. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jiċċekkja dwar dan.

## 5.15 ST PATRICK'S (SUN) DAY

5.15.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi ta informazzjoni fuq is-sottokumitat ta' St Patrick's Sunday u nforma li l-moderatur kien Dale Cachia u s-segretarja kienet Graziella Buttigieg.

5.15.2. Huwa kompla billi qal li matul il-laqgħa kienu ġew diskussi diversi affarijiet. Huwa qal li s-sottokumitat japprova biss rakkomandazzjonijiet iżda huwa l-Kunsill li jieħu d-deċiżjonijiet finali. Għalhekk is-suġġerimenti ser jitressqu matul il-laqgħa tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni.

5.15.3. Is-Sindku qal li s-sottokumitat kien irrakkomanda li l-attività ssir nhar il-Ħadd 16 ta' Marzu 2025 li jaħbat lejliet St Patrick's Day. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-attività ssir dakinhar.

## 5.16 MANUTENZJONI TA' BANKINA FI TRIQ L-ILJUN

5.16.1. Is-Sindku NH għamel referenza għas-sitwazzjoni tal-bankina fi Triq l-Iljun u qal li kien tkellem mal-Perit tal-Kunsill u qed jiġi propost li din tkun inkluża fil-framework agreement.

5.16.2. Is-Sindku għamel referenza għall-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana u qal li sfortunatament, l-Avukat kien għadu ma tax parir legali dwar dan. Huwa qal li għandu jerġa' jikkuntattjah sabiex ikollu tweġiba mill-aktar fis.

5.16.3. Is-Sindku qal ukoll li fil-laqgħa mal-Perit kien għamillu enfasi li toħroġ is-sejħa għall-offerti għall-piċċ tal-futbol.

5.16.4. Is-Sindku kompla billi qal li kien ħareġ il-permess għall-pedestrian crossing ta' maġenb il-Police Headquarters.

5.16.5. Il-Kunsill qabel li fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmisss għandha tiżdied il-materja ta' "proposta ta' kors tal-paddle fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V".

## 5.17 ASFALTAR TA' TOROQ

5.17.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien kiteb lil min hu responsabbli mill-programm tat-toroq li kien qed isir fil-Floriana. Huwa ippropona li l-ordni tkun:

Triq Pietro Floriani
Triq San Publju
Triq l-Isqof Mauro Caruana (jekk ma jsirx il-proġett)
Pjazza Emanuel S. Tonna

5.17.2. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill jistax jieħu ħsieb isaqqi l-planters ta' ħdejn il-Floriana Nursery. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika jekk dawn jistgħux ikunu inklużi fil-kuntratt eżistenti jew jekk hux ser ikun hemm spiża addizzjonali.

## 5.18 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

5.18.1. Il-laqgħa intemmet fit-20:15 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru 2024 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum** il-Ħamis 7 ta' Novembru 2024

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv